MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Avviz Numru. 141/2005

**Avviz numru: 141/2005 SM**

**Silvio Muscat**

**vs**

**Jesmond Sant u Rita Sant ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta' Marzu tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi prevja kull dikjarazzjoni opportuna li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' erbat elef, mija, hamsa u tletin Lira Maltin, u tlieta u disghin centezmu, (LM4,135.93,0), rapprezentanti bilanc ta' provvisti ta' hobz li gew ikkonsenjati lill-konvenut Jesmond Sant, zewg il-konvenuta Rita Sant, fuq inkarigu ta' l-istess Jesmond Sant;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-3 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuta Rita Sant eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti m'ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-atur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghal dan, il-konvenut l-iehor Jesmond Sant qatt ma' gab l-awtorizzazzjoni ta' l-eccipjenti martu sabiex jidhol f'dejn ma' terzi u ghal dawn l-ahhar snin il-konvenuti kien qed jghixu separati de facto minn xulxin;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-12 ta' Lulju tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut Jesmond Sant eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-konvenuti odjerni ghaddejjin prezentement jikkontendu proceduri ta' separazzjoni personali liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

2. Illi hemm kontestazzjoni min naha tal-konvenuta Rita Sant f'dawn il-proceduri u fil-proceduri ghas-separazzjoni personali li dawn l-ammonti huma

dovuti minnha izda biss mir-ragel taghha l-konvenut l-iehor;

3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-avviz de quo huma dovuti, semmai ghandhom jigu mhallsa nofs b'nofs bejn il-konvenuti stante li bejniethom kien u ghad hemm vigenti il-komunjoni ta' l-akkwisti;

4. Illi ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni illi tidhol fi kwistjonijiet ta' komunjoni ta' l-akkwisti izda l-gurisdizzjoni taghha hija limitata biss jekk dan l-ammont mitlub bl-avviz huwiex dovut jew le;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-ammont indikat mill-attur fl-avviz promotur, kif sussegwentement korrett, qed jigi minnu mitlub ghal diversi forrnituri ta' hobz li l-istess attur bhala furnar kien jaghmel fuq ordnijiet tal-konvenuti fil-hanut taghhom bl-isem ta' "Save and Smile" fil-Mosta;

2. Illi jirrizulta li l-ewwel ftehim bejn l-attur u l-konvenut kellu jigi affettwat kull gimgha u effettivament anke l-istess attur isostni li dan kien jigi onorat, (ara fol 23);

3. Illi jirrizulta li maz-zmien il-konvenuti bdew isiru moruzi izda l-konvenut kien jassigura lill-attur li kien ser jissalda kollox f'perjodu qasir;

4. Illi l-attur kien, kif dovut, baghat diversi fatturi lill-konvenut biex juri bi precizjoni l-ammonti lilu dovuti;

5. Illi l-attur beda sussegwentement jinnota li l-konvenut beda jnaqqas ix-xoghol u addirittura illi eventwalment l-istess hanut inghalaq ghal kollox;

6. Illi ghalhekk kellha tigi intavolata din il-procedura fejn jirrizulta li l-attur ghadu ma thallasx l-ammont lilu dovut ghall-konsenji minnu effettwati lill-konvenuti;

Ikkunsidrat:

Illi l-istess konvenuta issostni bil-gurament taghha li l-hanut in dizamina kienu jmexxuh flimkien, (ara fol 57);

Illi f'xi perjodu l-istess konvenuta spiccat estromessa bil-pulit u jigi allegat li l-interess tal-konvenut intefa' fuq terza persuna indikata a fol 57;

Illi l-istess konvenuta tindika wkoll li ghamlet prokura specjali favut zewgha l-konvenut l-iehor, (ara fol 58);

Ikkunsidrat:

Illi s-segwenti jirrizultaw abbundantement assodati:

1. Illi fil-perjodu in dizamina l-hanut de qou kien gestit mill-konvenuti konjugi Sant;

2. Illi l-attur kien ifornihom bil-hobz;

3. Illi l-attur ghad baqghalu jithallas l-ammont minnu mitlub fl-avviz promotur;

4. Illi sussegwentement il-konjugi konvenuti intavolaw procedura ghas-separazzjoni personali;

Ikkunsidrat:

Illi l-punctum temporis rilevanti jirrizulta dawk fejn ghaddej in-negozju bejn il-konvenut u l-attur;

Illi f’dan il-perjodu, li addirittura jidher li ghadu hekk sal-lum, il-konvenuti kienu ghadhom vinkolati fiz-zwieg;

Ghaldaqstant din il-qorti qed tirrespingi bhala infondati l-eccezzjoni tal-konvenuta li m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur u l-istess eccezzjoni sussegwenti ma treggix;

Illi rigward ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenut, jinghad li din il-qorti mhix qed tindirizza l-kwistjoni hemm sollevata u qed tistrieh biss fuq il-fatti kif jirrizultawlha, kif del resto sostenut anke mill-istess konvenuta u ghalhekk qed tirrespingi l-istess eccezzjoni;

Illi del resto, l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut qed jigu wkoll respinti stante li bl-ebda mod ma gew minnu ppruvati;

Ghaldaqstant filwaqt li takkolji t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara li l-konvenuti Jesmond u Rita Sant ghandhom ihallsu lill-attur Silvio Muscat l-ammont ta’ erbat tlef mija u hamsa u tletin Lira Maltin, u tlieta u disghin centezmu, (LM4,135.93,0), rapprezentanti bilanc ta’ provvisti ta’ hobz li jew ikkonsenjati lil Jesmond Sant;

2. Tikkundanna lill-imsemmija konvenuti jhallsu lill-attur fuq indikat l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------